# WIED ANĠLU - minn Dun Karm Bezzina

Ir-raħal għoli ta' Ħal Għargħur għandu wied kull naħa: wieħed lejn il-lvant tiegħu, Wied id-Dis, u l-ieħor lejn il-punent Wied Anġlu. Dan ta' l-aħħar fost l-Għargħurin huwa magħruf ukoll bħala l-Wied ta' Lukina. Dawn l-ismijiet ma nafux minfejn ġew. Dan huwa wied żgħir, bi ftit raba' (tliet ċnus kollox) fuq ġewwa u l-bqija kollu blat fuq iż-żewġ naħat, sa qiegħ il-wied. Jista' jkun li l-ftit raba' li semmejna għamel xi żmien imqabbel għand xi ħadd li kien jismu Anġlu.



**Wied Anġlu u fl-isfond ir-raħal tal-Għargħur**

**Inħawi**

Dan il-wied, jibda minn post li jgħidulu l-Ħofra, jibqa' ħiereġ 'il barra lejn it-Tramuntana, u jiftaħ quddiem il-Widna, fejn hemm Radio Link jew Earth Station mgħammar bis-Satellite dishes tal-Maltacom.

Din il-Widna għandha storja għaliha. Hija biċċa xogħol kbira tal-konkos forma ta' widna. Kellha tissemma' l-ħsejjes ta' l-ajruplani ta' l-għadu li setgħu joqorbu lejn Malta. Saret qabel il-gwerra ta' l-1939 - 1945. Miżbugħa bi lwien jgħajtu, din malajr tolqot l-għajn, kif tinsab taħt l-għoljiet fil-Witja tal-Magħtab.

Il-wied huwa mdawwar b'dawn il-postijiet: il-Ponta, l-għolja tal-Fanal jew Ġebel San Pietru, il-bidu tat-Telgħa tal-Ġebla l-Kbira, it-telgħa ta' Birguma, u n-Nigret. L-Għolja tan-Nigret issa ma għadhiex hemm, spiċċat, inqerdet bħala barriera tal-qawwi. Fuq Birguma kien hemm fortizza kontra l-ajruplani fl-aħħar gwerra. Fuq Ġebel San Pietru, illum hemm l-Antenna l-kbira tat-TVM kif ukoll tar-radjijiet Maltin.

It-triq iddur sabiħ madwar il-wied kollu, mill-Ponta sa taħt in-Nigret u tibqa' sejra sa salib it-toroq fil-bidu tan-niżla ta' Alla u Ommu. Minn hawn tista' titla' lejn San Pawl tat-Tarġa jew tibqa' sejjer lejn il-Mosta, jew tinżel lejn il-Magħtab u s-Salini.

**Victoria Lines**

Mill-ponta sa salib it-toroq li semmejna hemm parti mill-Victoria Lines. Biex tinżel fil-wied hemm taraġ kull naħa. Dan imiss mal-ħajt tad-difiża u nbena miegħu, waqt li isfel nett hemm mina mibnija b'ġebel tal-qawwi, bħat-taraġ, u passaġġ fuqha biex tgħaddi min-naħa għal oħra. Kultant tara xi toqob li aktarx rabtu magħhom l-armar biex iniżżlu l-ġebel 'l isfel. M'hemmx għalfejn ngħidu li dan ix-xogħol kien ta' tbatija u ta' periklu; iżda huma kienu jafu jarmaw sewwa u fis-sod. Quddiem il-mina ta' qiegħ l-wied hemm siġar taż-żebbuġ selvaġġ. Madwar il-wied issib għadd ta' flora; iżda m'għadekx tisma' l-għana tal-merill, l-għasfur nazzjonali nqered minn hawn. X'ħasra!

Fuq il-ponta, ilum hemm ġnien b'għadd ta' bankijiet fejn wieħed jista' jistrieħ u jgawdi panorama-veduta mill-isbaħ... minn Baħar iċ-Ċagħaq, sa Għawdex, sa Binġemma. Dan il-ġnien jieħu ħsiebu l-Kunsill Lokali. Kif iddur mal-Ponta ssib l-Għar ta' San Brinkat (S. Pankrazju) u fuqu jkomplu l-Victoria Lines sa taħt il-fortizza tal-Madliena.



**Il-Ġnien tal-Ponta fuq in-naħa l-oħra ta' Wied Anġlu**

WIED ANĠLU

## Niċċa

Illum, in-naħa ta' ġewwa tal-Wied, fit-triq lejn il-Ponta, hemm niċċa sabiħa tad-Duluri, bl-istatwa mdaqqsa tal-Pietà ta' Michelangelo. Din in-niċċa, bit-tiżjin kollu ta' madwarha, għamluha żewġ pensjonanti: Bertu Fenech u Carmelo Micallef, xogħol ta' paċenzja u arti naturali kif jaf jagħmel il-bennej Malti. Dawn it-tnejn bnew ukoll il-ħajt baxx fuq din in-naħa tal-wied minn quddiem in-niċċa sal-Ponta, medda twila sewwa. Huma u xi voluntieri oħra ħawlu siġar u xitel, biex il-wied jieħu dehra aktar sabiħa. Ħdejn in-niċċa hemm ukoll ftit ħamrija dejjem tħaddar u bil-ward. Issa l-Kunsill Lokali wassal id-dawl elettriku sa ħdejn in-niċċa.

Diversi nies jiġu jduru f'dawn in-naħat, fix-xitwa wara nofs in-nhar, u fis-sajf fil-għaxija. Jieqfu hawn ħdejn il-Madonna biex jitolbu u jistrieħu. Ħdejn din in-niċċa hemm ukoll replika (xbieha) interessanti fiċ-ċokon tal-knisja ta' Ħal Għargħur, mibnija miż-żewġ pensjonanti li semmejna. Huma użaw għaliha daqs disgħin kantun ġebel u aktar minn erba' xhur xogħol.

Sa' l-1992 hawnhekk kien demmiela (miżbla), kulħadd jitfa' l-imbarazz li jkollu. Illum bħalma kiteb xi ħadd, saret oasi tal-Madonna.



**Wied Anġlu min-naħa tal-ġebla l-kbira bil-Widna (kif inhi magħrufa) u l-Earth Station fl-isfond**